MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tat-23 ta' April, 2015

Numru 61/2015

**Spettur**

**Nicholas Vella**

**VS**

**Emanuel Borg**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Emanuel Borg iben Joseph Borg u Monica nee' Agius mwieled gewwa Pieta fis-17 ta Mejju 1969 residenti Cypress, Flat 2, Triq tal-Wej, Mosta. Detentur tal=-karta ta l-identita bin-numru 0199169M;

Talli fl-1 ta' Jannar 2015 ghal habta tal-4.00 ta' filghodu gewwa dawn il-Gzejjer fil-limiti tal-Imgarr;

1) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkaguna biza li ser tintuza vjolenza kontra Owen Bonello 161389M u Lyden Charles Zerafa 70891M , meta hu kien jaf jew imissu kien jaf li, b'tali mgieba tieghu, ser jikkaguna lil haddiehor biza' permezz ta sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun.;
2) Fl-istess data, hin lok u cirkostanzi kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat jew b'mod iehor;
3) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi qal fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indeċenti li joffendi l-morali, l-imġieba xierqa jew id-deċenza pubblika;
4) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-paci pubblika u/jew l-bon ordni b`ghajjat u/jew glied;
5) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ingurja u hedded lil Owen Bonello 161389M u Lyden Charles Zerafa 70891M.
6) Aktar talli fl-istess data lok hin u cirkustanzi, bla ordni skont il-ligi tal-awtorita' kompetenti u barra mill-ligi volontrajament gharraq, hassar jew kisser hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli cioe' hsara fuq vettura ta ghamla Peugeot RCZ bin-numru ta registrazzjoni LYD117 li jiswew iktar minn 250 Ewro u anqas minn 2500Ewro ghad detriment ta' Carmel Zerafa 755456M u/jew persuni ohra;

7) Aktar talli fl-istess data lok hin u cirkustanzi, b'nuqqas ta' hsieb jew bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu , jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti , ikkaguna hruq jew ghamel xi hsara jew gharraq xi haga ghad-dannu ta' Lyden Charles Zerafa 70891M;
8) Saq vettura tal ghamla Toyota LiteAce bin- numru tar- registrazzjoni LCJ917 b'manjiera perikoluza u traskurata;
9) Aktar talli fl-istess data lok hin u cirkustanzi garr sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun mingħajr ma kellu liċenzja jew permess mingħand il-Kummissarju;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar istadju bikri f'dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi, u wara li l-imputat gie mwissi solennement minn din il-Qorti dwar il-konsegwenzi li din l-ammissjoni setghet iggib maghha;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l- Artikoli 251, 251B, 251H (g), 338 (M), 338 (BB), 338 (DD), 339 (1e), 325 (1) (b), 328(d), 15 Kap 65, 6 u 51 Kap 480 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Fuq ammissjoni din il-Qorti ssib lill-imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah sitt (6) xhur prigunerija sospizi ghal sentejn ai terminu tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Inoltre tikkundannah multa ta’ hames mitt ewro (€500).

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------